MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GEOFFREY VALENZIA

Seduta tat-28 ta' April, 2006

Citazzjoni Numru. 1612/2000/1

**Andre Pio Catania**

**Vs**

**Joseph Catania, Richard Cannataci u Doris Cannataci.**

**Il-Qorti**

**Preliminari**

Rat **l-att tac-citazzjoni** li permezz taghha l-attur ippremetta illi:

Peress in forza ta' testment unica carta ta' l-20 ta' Ottubru 1971 in atti Nutar Dottor Joseph Cachia (Dok A) il-genituri ta' l-attur illum mejtin, u cioe' il-Prokuratur Legali Anthony Catania u l-ispizjara Angela Catania, innominaw lil l-attur,

l-uniku wild taghhom, eredi universali u l-padrun assolut ta’ gidhom kollu.

Peress illi in forza ta’ testment tal-15 ta’ Mejju 1998 in atti Nutar Dottor Joseph Tabone il-mejjet Anthony Catania hassar it-testmenti precedenti tieghu, halla lill-konvenuti b’titolu ta’ legat is-somma ta’ hmistax–il elf lira Maltin (Lm15,000) bejniethom u innomina u istitwixxa werriet universali tal-gid kollu tieghu lil l-attur Andre’ Pio Catania (Dok. B).

Peress illi l-imsemmija Angela Catania mietet fit-8 ta’ Novembru 1986 filwaqt li Anthony Catania miet fl-14 ta’ Frar 2000.

Peress illi in forza tal-precitati testmenti l-attur huwa llum il-propjetarju ta’ l-assi kollha appartenenti lill-ġenituri tieghu inkluz il-fond ‘’Chiquita’’, Triq San Gorg, San Pawl il-Bahar, il-garaxx 86, Triq San Gorg, San Pawl il-Bahar, il-mobbli kollha appartenenti ta’ l-eredita’ tal-ġenituri ta’ l-attur inkluz dawk li jidhru fl-anness inventarju Dokument C, l-ammont bilancjali mir-rikavat tal-bejgh tal-fond 57, Old Railway Road, Birkirkara b’atti ta’ l-14 ta’ Frar 1998 li minnhom missier l-attur ha s-somma ta’ ghoxrin elf mitejn u hamsa u sittin lira Maltin (Lm20,265) fi flus kontanti, u oggetti ohra kif ser jirrizulta fit-trattazzjoni tal-kawza.

Peress illi b’digriet tas-Sekond’ Awla tat-18 ta’ Novembru 1999 Anthony Catania kien gie inabilitat ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi u dan fuq rikors ta’ l-attur (Dok.D).

Peress illi skond kif konfermat b’relazzjoni medika tat-tlett esperti medici mahtura f’dawn il-proceduri, Anthony Catania kien taht infuwenza qawwija tal-konvenuti u membri ohra tal-familja tieghu, li ma kienx kapaci jaghraf l-effett ta’ l-influwenza qawwija ta’ dawn il-membri tal-familja tieghu u li l-gudizzju tieghu kien qed ikun imxekkel u affettwat (Dok. E).

Peress illi bizzejjed jinghad li l-konvenuti u membri ohra tal-familja taghhom kienu jimpedixxu lil l-attur milli jara lil missieru tant li waslu biex jaghtu struzzjonijiet f’dan is-

sens lil terzi persuni nkarigati mid-dar ta’ rikoveru fejn Anthony Catania kien qed jirrisjedi u dan kontra r-rieda ta’ l-istess Anthony Catania.

Peress illi fl-ahhar snin ta’ hajjet Anthony Catania, il-konvenuti hadu kontroll assolut ta’ gidu kollu.

Peress illi l-konvenuti qeghdin abbuzivament u minghajr titolu legali jiddettjenu i-pussess taz-zewg fondi mmobiljari fuq imsemmija, u l-mobbli kollha appatenenti l-eredita’ tal-mejtin Anthony Catania u martu Angela Catania inkluz flus u titoli li jipprezentaw flus li llum huma propjeta’ ta’ l-attur.

Peress illi l-konvenuti nonostante li gew interpellati sabiex jikkonsenjaw l-istess lil l-attur baqghu inadempjenti.

Peress illi l-agir tal-konvenuti qed jikkaguna danni ngenti lill-attur.

Jghidu ghalhekk l-istess konvenuti ghaliex m’ghandiex din il-Qorti:

1) Tiddikjara illi l-konvenuti jew min minnhom qed jiddetjenu z-zewg fondi mmobiljari ‘’Chiquita’, Triq San Gorg, San Pawl il-Bahar, u l-garaxx 86, Triq San Gorg, San Pawl il-Bahar, minghar ebda titolu validu fil-ligi sa mill-14 ta’ Frar 2000.

2) Tikkundanna lill-konvenuti jew min minnhom sabiex fi zmien qasir u perentorju jizgumbraw mill-imsemmija zewg fondi mmobiljari u jikkonsenjaw ic-cwievet ta’ l-istess lill-attur.

3) Tillikwida l-assi mobiljari, flus u titoli li jipprezentaw flus appartenenti lil l-eredita’ tal-mejtin Anthony u Angela konjugi Catania li jinsabu jew kienu f’xi zmien jinsabu fil-pussess tal-konvenuti jew taht il-kontroll taghhom.

4) Tikkundanna lill-konvenuti jew min minnhom sabiex fi zmien qasir u perentorju jikkonsenjaw lill-attur l-assi ereditarji hekk likwidati.

5) Tiddikjara lill-konvenuti jew min minnhom responsabbli ghad-danni sofferti mill-attur kagun tad-dentenzjoni tal-mobbli u immobbli msemmija fl-ewwel u fit-tielet talba.

6) Tillikwida dawn id-danni jekk hemm bzonn bl-opera ta’ periti nominandi.

7) Tikkundannhom ihallsu lill-attur id-danni hekk likwidati.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta’ l-ittra interpellatorja tal-21 ta’ Frar 2000, ta’ ittra interpellatorja tas-26 ta’ Mejju 2000 u tal-mandat ta’ deskrizzjoni pprezentat fl-20 ta’ Lulju 2000 u bl-imghax legali mill-14 ta’ Frar 2000 kontra l-konvenuti ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta’ l-attur a fol.3 tal-process.

Rat in-**nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuti** ***a fol. 23 tal-process fejn eccepew:***

1. illi preliminarjament ghandu jigi rilevat illi hemm pendenti kawza fl-ismijiet inversi fejn il-konvenuti qeghdin jitolbu illi jigi dikjarat u deciz li l-esponenti huma intitolati ghas-somma ta’ hamest elef lira kull wiehed bhala prelegatarji ai termini ta’ l-artikolu tnejn ta’ l-ahhar testment ta’ l-imsemmi Anthony Catania fl-atti tan-Nutar Joseph Tabone tal-15 ta’ Mejju 1998 u konsegwentement li l-attur odjern jigi kkundannat ihallas lil kull wiehed mill-esponenti s-somma ta’ hamest elef lira Maltin (Lm5,000) u ghalhekk dawk il-kawzi ghandhom jigu mismugha flimkien;

2. illi minghajr pregudizzju ghas-suespost ma huwiex minnu illi l-konvenuti qieghdin jiddetjenu xi propjeta’ immobiljarji jew assi mobiljarji, flus jew titoli ta’ flus tad-decujus jew ta’ l-attur a pregudizzju ta’ l-attur u dan kif jista’ jigi ppruvat mill-kumpless tax-xhieda;

3. illi minghajr pregudizzju ghas-suespost l-attur ma qieghed isofri ebda dannu, u ma jistax jippretendi li

qieghed isofri danni meta huwa naqas milli jonora x-xewqa tat-testatur li jimmitti fil-pussess lill-konvenuti tal-prelegat lilhom imholli fit-testment tal-15 ta' Mejju 1998 fl-atti tan-Nutar Joseph Tabone;

4. B'riserva ghal l-eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-degriet a fol 28 li bih gie nominat il-Perit Alan Saliba;

Rat id-degriet a fol 35 li bih il-Qorti estendiet l-inkarigu ta' l-imsemmi perit;

Rat ir-relazzjoni a fol 39;

Rat id-digrieti a fol 73 u 84;
Rat il-verbal a fol 200 li bih l-partijiet qablu li x-xhieda li nstemghu f'din il-kawza u fil-kawza 1126/00 ghandhom jghoddu ghal xulxin;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat in-nota ta' l-attur;

**Talbiet u kontestazzjoni**

F'din il-kawza l-attur qed jitlob li l-Qorti tiddikjara li l-konvenuti jew min minnhom qed jiddetjenu minghajr titolu zewg fondi f'San Pawl il-Bahar li jappartjenu lill attur u li ghalhekk jigu zgumbrati minnhom; li l-Qorti tillikwida l-assi mobiljari, flus u titoli appartenenti lill eredita' tal-genituri ta' l-attur u li jinsabu jew li kienu jinsabu ghand il-konvenuti u tikkundanna lill konvenuti jhallsu lill attur d-danni li hu sofra minhabba dan l-agir tal-konvenuti.

Minn naha l-ohra l-konvenuti qed jeccepixxu li huma mhux qed jiddetjenu ebda proprjeta immobbiljari jew assi mobiljari, flus jew titoli tal-genturi ta' l-attur; li l-attur ma sofra ebda danni u li invece hu l-attur li ghandu jaghti lill

konvenuti s-somma ta' Lm15,000 prelegat a termini ta' l-ahhar testament ta' missier l-attur.

**Fatti**

In forza ta' testament unica carta tal-20 ta' Ottubru 1971 Dok A fol 6 il-genituri ta' l-attur, illum mejtin, kienu hallew lill attur, l-uniku wild taghhom, bhala eredi universali taghhom. B'testment iehor tal-15 ta' Mejju 1998 missier l-attur kien hassar it-testmenti precedenti tieghu, u halla lill konvenuti Lm15,000 b'titolu ta' legat u istitwixxa lill attur bhala werriet universali tieghu (Dok B a fol 11). Omm l-attur mietet fil-1996 mentri missieru miet fl-14 ta' Frar 2000.

Il-partijiet fl-affidavits taghhom u fix-xhieda li taw fil-Qorti rrakkontaw kif, skond huma, graw il-fatti li taw lok ghal dina l-kawza li juru stampa ta' litigju familjari bejn l-attur u hut missieru u l-mara ta' wiehed minnhom. Dawn qed jakkuzaw lill xulxin li l-parti l-ohra riedett tinfluwenza u tikkontrolla lill Anthony Catania (missier l-attur) u jiehdulu gidu. Kull parti tallega li hija riedet il-gid ta' Anthony Catania, senza interessi. F'din l-kawza huma qed jiggieldu fuq gidu. L-attur qed jissottometti li hu gie mcahhad milli jara lill missieru fl-ahhar zmien ta' hajtu mill-konvenuti li bdew jikkontrollaw b'mod esasperanti lill Anthony Catania u l-attur gie f''posizzjoni li biex ikun jista' jara lill missieru minghajr indhil mill-konvenuti kellu jibda l-proceduri ta' inabilitazzjoni ta' missieru li ma kienx kapaci jiehu hsieb l-affarijiet tieghu. Min naha l-ohra l-konvenuti jsostnu li l-attur kien hadlu flusu kollha lill missieru u ried jinterdicih biex ikun jista' jikontrolla l-flus ta' missieru. Huma jghidu li Anthony Catania kien dispjacut hafna li ibnu beda l-proceduri ta' interdizzjoni u li ghalhekk ma riedx jarah.

**KONSIDERAZZJONIJIET**

L-attur qed jissottometti li l-proprjeta' Chiquita, Triq San Gorg, San Pawl il-Bahar, u l-garaxx 86, fl-istess triq hija tieghu bhala wirt, kif ukoll il-mobbli kollha appartenenti lill genituri tieghu inkluzi dawk fid-Dok C a fol 233. Hu qed

jippretendi wkoll l-ammont bilancjali mir-rikavat tal-bejgh tal-fond 57, Old Railway Road, B'kara, li minnhom missieru ha is-somma ta' Lm20,265 fi flus kontanti, u oggetti ohra. L-attur qed jirritjeni li l-konvenuti abbuzivament u minghajr titolu qed izommu dawn l-oggetti ghandhom u ma rritornawhomx u ghalhekk qed jikkagunawlu danni.

Il-konvenuti xehdu li huma m'ghandhomx pussess tal-fondi f'San Pawl il-Bahar u c-cwievet gew mghoddija lill Dr. Jean Pia Mifsud Bonnici fit-30 ta' Mejju 2000 (ara dok a fol 151) u ghalhekk ma huma responsabbli ghall ebda danni.  Kwantu ghall-ghamara li qed jitlob l-attur dina tinsab fil-fond Chiquita, f'San Pawl il-Bahar.

**Zewg fondi**

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li l-post ta' B'Kara kien inbiegh meta Anthony Catania kien ghadu haj (12 ta' Frar 1998) u sehemu kien hadu (ara dok  a fol 233).  Jirrizulta wkoll li sat-30 ta' Mejju 2000, u anke meta sar l-access mill-Perit Saliba, ic-cwievet tal-postijiet f'San Pawl il-Bahar kienu ghadhom fil-pussess tal-konvenuti. Il-konvenuti xehdu li fit-30 ta' Mejju 2000 huma taw ic-cwievet lill Dr. Jean Pia Mifsud Bonnici, l-avukata taghhom, (ara fol 120 u 151) biex dawn jigu depozitati l-Qorti (haga li l-attur jghid li  ma saritx) minflok ma nghataw lill attur. L-attur isostni li hu qatt ma rrifjuta li jiehu dawn ic-cwievet anzi hu kien qed jigri warajhom biex jaghtuhomlu u jaghtuh il-postijiet izda l-konvenuti b'pika ghaddewhom lill Avukat u mhux lilu. Dak li gara wara bejn il-konvenuti u l-avukat taghhom ma jinteressax lill attur.

Mid-dikjarazzjoni tal-konvenuti (ara para 6 a fol 24) jirrizulta li l-konvenuti kellhom fil-pussess taghhom dawn il-fondi u li r-raguni ghaliex ma riedux jghadduhom lill-attur kienet li qabel xejn huwa kellu jimmittihom fil-pussess tal-legat taghhom. Il-konvenuti fethu l-kawza l-ohra biex jitolbu dan il-legat meta l-attur ghamlilhom dina l-kawza biex jaghtuh dak li kien tieghu b'wirt.

Il-konvenuti qed jeccepixxu li huma zammew ic-cwievet tal-postijiet ghandhom billi l-attur ma kienx tahom il-legat li kien imiss lilhom. Izda l-Qorti tirrileva li jirrizulta mill-provi (ara specjalment id-Dok a fol 233)  li l-konvenuti kellhom fil-pussess taghhom bizzejjed assi tad-decjus li minnhom setghu jissodisfaw jew almenu jikkawtelaw il-pretenzjoni taghhom ghall legat. Inoltre l-attur ma setghax jimmittihom fil-pussess tal-legat, anke kieku ried, billi l-assi kollha ta' l-eredita' tal-genituri tieghu kienu f'idejn il-konvenuti.

Il-Qorti ghalhekk hija tal-fehma li l-konvenuti ma kienux intitolati li jcahhdu lill attur mill-propjeta' immobbiljari li kienet tieghu bi dritt u ghalhekk huma responsabbili ghad-danni li huwa sofra meta gie imcahhad mit-tgawdija ta' dina l-proprjeta'.

Illi ghalhekk l-ewwel zewg talbiet ta' l-attur huma gustifikati.

**Mobbli**

Dwar il-mobbili, fil-kors tal-kawza, dawn gew misjuba u l-perizija dwar l-istess giet imwaqqfa mill-attur billi l-mobbli nstabu fil-post ta' San Pawl il-Bahar kif jirrizulta mir-relazzjoni tal-Perit Alan Saliba a fol 45 (ara verbal a fol 84).

Ingabet prova li missier l-attur kien tah xi affarijiet li deher li kienu nieqsa mill post ta' San Pawl il-Bahar lill kugin tieghu, li pero' mhux parti f'dina l-kawza. Jirrizulta wkoll li missier l-attur kien ta studju bil-kotba u zewg kolonni tal-gebel lill Dr. J. Cannataci b'donazzjoni lill Profs Cannataci ara Dok 6 u fol 86 u 112.

**Legat**

Il-konvenuti kienu qed jirritjenu li l-attur kellu jhallashom il-legat ta' Lm15,000. Izda jirrizulta mill-provi (ara dok a fol 233 u fol 119 u 121) li huma diga kellhom f'idejhom is-somma ta' Lm15,371.16 li teccedi dak li qed jippretendu bhala legat. Mid-dokument imsemmi Anthony Catania

kellu is-somma ta' Lm29,154.71 u baqa' f'idejn il-konvenuti s-somma ta' Lm15,371.16 billi huma qed jikkontendu li mis-somma originali intefqu Lm13,783.55.

**Servigi**

Il-konvenuti qed jippretendu li huma ghandhom dritt ghall servigi li qed jallegaw li rrendew lill Anthony Catania u ghalhekk qed jippretendu s-somma ta' Lm29,154.71

Il-Qorti hija tal-fehma li dina l-pretensjoni ma tistax tigi konsidrata minnha f'dina l-kawza billi ma tistax issir talba ghal hlas ta' servigi permezz ta' eccezzjoni imma trid issir azzjoni ad hoc u d-dritt jigi proseguit separatament. Il-Qorti tirrileva li lanqas fil-kawza l-ohra 1126/00 il-konvenuti, (hemmhekk atturi) ma ghamlu ebda talba ghal servigi imma biss biex jithallsu tal-legat, kif qed jeccepixxu f'dina l-kawza. Lanqas ma saret kontrotalba f'dina l-kawza ghas-servigi resi, b'mod li l-attur ikun jista' jaghti l-eccezzjoni opportuna u jikkontesta l-pretenzjoni ghas-servigi jew jeccepixxi l-preskrizzjoni. Mid-dokument SI ghalhekk il-Qorti mhiex ser tiehu in konsiderazzjoni l-ammonti li jirrispekkjaw is-servigi li l-konvenuti jghidu li rrendew.

L-ammonti pretizi mill-konvenuti bhala servigi u spejjez li allegatament saru minnhom ma jistghux jigu konsidrati. Inoltre dawn huma kollha kontestati mill-attur u ghalhekk ma tistax tavvera ruhha tpacija.

**Danni**

Il-Qorti kienet innominat perit tekniku biex jirrelata dwar id-danni sofferti mill-attur minhabba li dan gie mcahhad mit-tgawdija taz-zewg fondi u l-perit illikwida dawn id-danni fl-ammont ta' Lm1,500 fis-sena rapprezentanti il-valur lokatizzju ta' l-istess propjeta' (ara fol 50). Il-konvenuti kellhom jghaddu c-cwievet lill attur fl-14 ta' Frar 2000 meta miet Anthony Catania, haga li ma ghamlux, u ghalhekk huma ghandhom jaghtu lill attur is-somma ta' Lm1,500 fis-sena min dik id-data li ghalhekk sad-data tas-sentenza ghandhom jaghtu Lm9,000.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi

Il-Qorti tiddeciedi billi tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti billi huma diga ghandhom f'idejhom assi tal-eredita' tal-konjugi Catania li minnhom jistghu jithallsu tal-pretenzjoni taghhom ghal hmistax il-elf lira Maltin (Lm15,000);

tiddikjara illi l-konvenuti qed jiddetjenu z-zewg fondi mmobiljari 'Chiquita', Triq San Gorg, San Pawl il-Bahar, u l-garaxx 86, Triq San Gorg, San Pawl il-Bahar, minghar ebda titolu validu fil-ligi sa mill-14 ta' Frar 2000 u ghalhekk tikkundanna lill-konvenuti biex fi zmien tlett ijiem jizgumbraw mill-imsemmija zewg fondi mmobiljari u jikkonsenjaw ic-cwievet ta' l-istess lill-attur;

Tiddikjara li l-assi mobiljari jikkonsistu f'dawk il-mobbli li jinsabu fil-fond fuq imsemmi f'San Pawl il-Bahar li ghandhom jigu konsenjati lill-attur;

Tiddikjara lill-konvenuti responsabbli ghad-danni sofferti mill-attur kagun tad-dentenzjoni tal-immobbli msemmija.

Tillikwida dawn id-danni dovuti sad data ta' dina s-sentenza fl-ammont ta' disat elf lira Maltin (Lm9,000).

Tikkundanna lill konvenuti jhallsu lil l-attur id-danni hekk likwidati.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------